# Stqarrija Stampa

ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni

**IR-RIFORMA FIS-SERVIZZ TAT-TRASPORT PUBBLIKU HI MMIRATA WKOLL BIEX JIŻDIED L-AĊĊESS GĦALL-BELT U TONQOS IL-KONĠESTJONI TAT-TRAFFIKU**

**Press Release of Minister Dr Austin Gatt's speach during the *VALLETTA 450 SEMINAR – 25th October 2008. Event organized by the Valletta Alive Foundation.***

Il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni Austin Gatt qal li l-pjan tal-Gvern hu li wara li tidħol fis-seħħ ir-riforma fis-servizz tat-trasport pubbliku, din tissarraf f'inqas karozzi u f'aktar żoni pedonali fil-Belt f'bilanċ mas-servizzi li jridu jingħataw fil-belt kapitali.

Il-Ministru Austin Gatt li kien qiegħed jindirizza l-ftuħ ta' seminar bit-tema 'Valletta 450' qal li meta jkun hemm dan il-bilanċ, "il-belt" tkun aktar tan-nies, u u frekwentata aktar għal skop ta' divertiment. Is-seminar hu organizzat mill-Valletta Alive Foundation.

Fl-indirizz, hu fisser il-konfużjoni bħala l-akbar problema għall-Belt. Il-Ministru Gatt semma kif bdew isiru tibdiliet biex tkun indirizzata din il-problema fosthom bl-użu tal-cabs li jaħdmu bl-elettriku u l-estensjoni ta' żoni ħielsa minn kull traffiku.

Hu semma li l-Gvern għandu aktar inizjattivi biex il-belt kapitali ssir aktar aċċessibbli imma mhux billi tikber il-pressjoni tat-traffiku. F'dan ir-rigward hu qal li jridu jkuu introdotti diversi servizzi ta' trasport li jkunu effiċjenti u moderni.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni żied li l-policies li daħħal il-Gvern qed jgħinu biex il-Belt tkun aktar aċċessibbli. "L-iskop hu li filwaqt li naħdmu biex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku, fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm ukoll titjib fil-ħajja tar-residenti waqt li naraw li tkompli tikber l-attivita kummerċjali." Hu żied li fl-inizjattivi u fil-proġetti li jsiru, il-komunita tal-Belt trid tkun integrata ħalli jgawdi kulħadd. "Irridu

nagħmlu l-aħjar użu mill-ispazju li għandna, filwaqt li nirrispettaw il-wirt kulturali  waqt li tkun iġġenerata akatr attivita ekonomika.”

Fl-istess waqt, il-Ministru Austin Gatt irrimarka fuq il-bżonn tal-ħarsien tal-liġi . Hu semma fost oħrajn l-problema ta’ bankini imblukkati bl-ipparkjar ta’ karozzi jew inkella imwejjed aktar milli suppost li minbarra jostakolaw l-aċċess, jagħtu dehra xejn sabiħa.

Il-Ministru Gatt semma li jekk irridu l-Belt bħala “il-belt ta’ l-eċċellenza” sa l-2015 rridu wkoll naħdmu skond ir-realtajiet; li din hi belt kapitali li tinkludi r-residenzi l-aktar fil-periferija, il-bini amministrattiv tal-Gvern u l-attivita kummerċjali. F’dan l-isfond appella biex jinstab bilanċ fost l-interessi ta’ dawn it-tliet aspetti.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni rrefera wkoll għal xogħlijiet ta’ restawr fil-Belt, u filwaqt li rrikonoxxa l-importanza ta’ investiment f’din id-direzzjoni, tenna li għandha tingħata priorita lill-utilita’ tal-proġett u li jkun se jagħmel differenza, u mhxu li jkun se jappella għall-minoranza biss.

Hu temm billi appella li hekk kif resqin lejn iċċelebrazzjoni tal-450 sena mit-twaqqif tal-Belt, kwalunkwe tibdil li jsir għandu jassigura li jitħarsu l-istil u l-karatterisitika ta’ dan “il-ġojjel storiku”.

**25.10.08**